MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 230/2010

Bank of Valletta p.l.c. (C2833)
vs
Duncan Ayers

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti u konfermat bil-gurament minn Joseph Borg Cardona li bih espona:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-iskritturi privati datati fil-11 ta’ Gunju 2004 u fit-13 ta’ Settembru 2007 (Dok ‘A’ u ‘B’) is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Duncan Ayers;

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta’ Duncan Ayers fis-somma ta’ sittax-il elf, tlett mija u sitta u sebghin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€16,376.74) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan Accounts*” ta’ Duncan Ayers mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “C1 sa C3” u “D1 sa D2”)

flimkien mal-imghax ulterjuri mit-2 ta’ Frar 2010 sad-data tal-effettiv pagament.

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (prezentati mar-rikors bhala Dokument “A u B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Duncan Ayers:

(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi skritturi, (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Duncan Ayers li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenut Duncan Ayers gie interpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata fis-16 ta’ Lulju 2009 li kopja taghha giet prezentata mar-rikors u immarkata Dok “E”, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa’ inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Il-bank rikorrenti talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (prezentati mar-rikors bhala Dokument “A u B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Duncan Ayers: (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi skritturi, (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Duncan Ayers li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

2. Tikkundanna lil Duncan Ayers ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ sittax-il elf, tlett mija u sitta u sebghin Ewro u erbgha u sebghin centezmu

(€16,376.74) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Duncan Ayers mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 sa C3" u "D1 sa D2") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-2 ta' Frar 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata fis-16 ta' Lulju 2009 kontra l-intimat li gie ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-bank rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat illi l-intimat debitament notifikat skond il-ligi ma ipprezenta ebda risposta u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tal-bank rikorrenti.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghas-seduta tal-lum u anqas deher hadd ghalih.

Xehed Romuald Attard u qal li mid-data tal-prezentata tar-rikors ma thallas xejn mill-ammont dovut.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq kontumacja ta' l-intimat, u peress li t-talbiet tal-bank rikorrenti jidhru gustifikati, il-Qorti filwaqt li qed tilqa' l-istess talbiet qed tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi Duncan Ayers: (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi skritturi, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew (c)

hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Duncan Ayers li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

Tikkundanna lil Duncan Ayers ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' sittax-il elf, tlett mija u sitta u sebghin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€16,376.74) bilanc ghad-debitu fil-*Loan Accounts* ta' Duncan Ayers mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imghax ulterjuri mit-2 ta' Frar 2010 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Lulju 2009 kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------